MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 781/2002

**Catherine armla ta' Mario Hales.**

**-vs-**

**Vincent u Maria Dolores konjugi Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Billi l-attrici hi proprietarja tal-fond 53, Triq San Bazilju, Mqabba li fil-pjan terran tieghu ghandu tieqa li thares fuq il-

proprjeta’ tal-konvenuti u ilha hekk ghal bosta snin twal, u dana skond ma jirrizulta mill-anness rapport peritali markat Dok “CH1”.

U billi f’dawn l-ahhar gimghat il-konvenuti abusivament u minghajr ebda dritt imblokkaw u ghalqu din it-tieqa bil-gebel u nehhew il-hadid (security bars) li kienu jezistu fl-istess tieqa u dana kif jirrizulta ahjar mill-istess Dok “CH1”.

U billi l-konvenuti gew interpellati biex jergghu jifthu mill-gdid l-imsemmija tieqa izda inutilment.

U billi dan l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolent.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew spoll klandestin u vjolenti a dannu tal-attrici meta ghalqu din it-tieqa bil-gebel u nehhew il-hadid (security bars) li kienu imwahhla fl-istess tieqa, kif hawn fuq spjegat.

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti jifthu mill-gdid l-imsemmija tieqa li tinsab fil-pjan terran tal-fond 53, Triq San Bazilju, Mqabba, u jergghu jwahhlu s-“security bars” tal-istess tieqa li thares fuq il-proprjeta’ tal-konvenuti u jirreintegraw lill-attrici fid-drittijiet kollha taghha fuq l-istess tieqa u;

3. Fin-nuqqas l-attrici tigi awtorizzata biex tesegwixxi x-xogholijiet kollha mehtiega hali tiftah mill-gdid l-imsemmija tieqa u twahhal is-“security bars” u dana taht id-direzzjoni u supervizjoni ta’ periti nominandi u taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijietipprezentata fil-11 t' Ottubru, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi mhuwiex minnu illi huma kkomettew spoll klandestin u/jew vjolenti kif allegat mill-attrici.

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attrici ghandha ggib prova illi l-allegat spoll gie kommess fit-terminu ta' xahrejn rikjest mill-ligi u li in oltre tgawdi pussess tat-tieqa in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Vincent Camilleri u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta 26 ta' Jannar 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. Il-partijiet it-tnejn xehdu u l-attrici ipproduciet bhala xhieda ukoll lil bintha Simone Gauci u lil Paul Gauci.

Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma:

**1. il-pussess;**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur; u**

**3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenuti f'din il-kawza qed jichdu li ikkommettew spoll u qed jallegaw li kull ma ghamlu kien bi ftehim ma' missier l-attrici, illum mejjet. Qalu ukoll dan sar sittax-il sena ilu u mhux ricentement.

Illi ghalhekk fuq diversi punti din il-kawza trid tigi deciza a bazi tal-kredibilta' tal-partijiet. Fuq dan il-punt il-Qorti thoss li l-versjoni tal-attrici hija iktar kredibbli. L-attrici fil-fatt qalet li hija indunat li t-tieqa giet imblokkata ftit gimghat qabel ma infethet il-kawza peress li sa ftit qabel kienet barra minn Malta. Dan ikkonfermawh ix-xhieda imsemmija.

Da parti tal-konvenuti ghandu jinghad illi fid-dikjarazzjoni tieghu il-konvenut qal li x-xoghol in kwistjoni sar sebgha snin ilu – b'kuntrast ma' dak li qal meta xehed quddiem il-Qorti. Naturalment il-Qorti ma hiex se tidhol fil-kwistjoni petitoria izda certament thoss li l-azzjoni attrici timmerita li tigi akkolta ghaliex m' hemmx dubju illi l-attrici kellha il-pussess rikjest mill-ligi. Ghandhu jinghad li diversi sentenzi jiddikjaraw illi kull tip ta' pussess hu protett mill-actio spolii. L-azzjoni spoljattiva ma hemmx dubju li saret ricentement u mhux kif qal il-konvenut, snin qabel. Fil-waqt li l-attrici setghet tghid biss illi indunat f'Gunju 2002, il-versjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli u kwindi in mankanza ta' prova ahjar, il-Qorti qed tikkonkludi li l-ispoll sar f'dak ix-xahar jew ftit granet qabel, izda certament mhux iktar minn xahrejn qabel giet istitwita l-kawza.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti**

**ikkomettew spoll fil-konfront tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahar jergghu jifthu it-tieqa imsemmija u jergghu iwahhlu s-security bars fl-istat li kien, u fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici jaghmel dan hi a spejjes tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-perit arkittet Darren Sciberras.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------